MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2003

**Robert DESIRA BUTTIĠIEĠ**

**vs**

**BAY STREET HOLDINGS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' Jannar, 2002, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien impjegat mal-kumpannija konvenuta in forza ta' kuntratt ta' impieg tal-21 t'Awissu 2001, kopja annessa bħala Dok. "A" kif supplementat b'ittra tat-22 t'Awissu 2001, kopja an nessa bħala Dok. "B";

Illi permezz ta' ittra datata 12 t'Ottubru 2001, kopja annessa bħala Dok. "C", ġie terminat l-impieg tal-attur b'effett minn dakinhar stess;

Illi skond il-kuntratt fuq imsemmi, ġie pattwit illi f'każ li l-kumpannija konvenuta kellha tittermina l-impieg tal-attur għal kwalsaiasi raguni fil-perjodu ta' prova ("probation"), li skond il-kuntratt kellu jkun l-ewwel sitt (6) xhur tal-impieg, l-attur ghandu dritt ghal kumpens ekwivalenti ghal remunerazzjoni ta' sitt xhur;

Illi l-kumpannija konvenuta ghalhekk ghandha thallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef lira maltija, (Lm10,000) bhala kumpens ekwivalenti ghal sitt xhur rimunerazzjoni dovuta lilu skond l-istess kuntratt kif ukoll il-paga u bonus "gross" dovuti u mhux imhallsa lilu sad-data tat-terminazzjoni u cioe' it-12 t'Ottubru 2001 ammontanti ghal seba' mija u tmienja u sittin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm768.25), jew somma verjuri;

Illi l-kumpannija konvenuta baqghet inadempjenti ghalkemm interpellata anke ufficjalment;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara, jekk hemm bzonn, li l-kumpannija konvenuta itterminat il-kuntratt ta' impieg tal-attur fil-perjodu ta' prova ("probation") u li ghaldaqstant l-attur ghandu dritt ghal kumpens ekwivalenti ghal remunerazzjoni ta' sitt xhur ai termini tal-kuntratt fuq imsemmi;

2. Tillikwida l-kumpens hekk dovut fl-ammont ta' ghaxart elef lira maltija (Lm10,000) ekwivalenti ghal sitt xhur remunerazzjoni dovuta lilu skond l-istess kuntratt u dan ai termini tal-istess kuntratt;

3. Tillkwida il-paga u bonus "gross" dovuti u mhux imhallsa lilu sad-data tat-terminazzjoni u cioe' it-12 t'Ottubru 2001 fl-ammont ta' seba' mija u tmienja u sittin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm768.25), jew somma verjuri;

4. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas lill-attur is-somma komplessiva ta' ghaxart elef, seba' mija

u tmienja u sittin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm10,768.25) dovuta in kwantu ghal ghaxart elef lira maltija (Lm10,000) ekwivalenti ghal sitt xhur remunerazzjoni dovuta lilu bhala kumpens ghat-terminazzjoni tal-impieg u dan ai termini tal-kuntratt fuq imsemmi, u in kwantu ghar-rimanenti seba' mija u tmienja u sittin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm768.25) jew somma verjuri bhala paga u bonus "gross" mhux imhallsa lilu sad-data tat-terminazzjoni tal-impieg u cioe' sat-12 t'Ottubru 2001;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal ittra ufficjali datata ta' 2001 u bl-imghax legali kontra l-kumpannija konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija mħarrka fl-1 ta' Marzu, 2002, li biha eċċepiet:

1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni odjerna hija irrita u nulla u dan stante illi fir-rigward kuntratti ta' impjieg ghal zmien indefinittiv, il-Qorti kompetenti hija "It-Tribunal Industrijali" u mhux "Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili";

2. Illi ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess, is-socjeta' konvenuta ma thossx ruhha marbuta bil-kuntratt li fuqu qed tigi bbazata l-azzjoni odjerna stante li ma kenitx debitament rapprezentata ai termini tal-Memorandum and Articles of Association tal-istess socjeta' u allura m'ghandu l-ebda rabta legali fuqha;

3. Illi in meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa minnu illi fil-kuntratt relattiv hemm stipulat illi jekk l-impjieg tal-attur jigi tterminat ghal kwalsiasi raguni fil-perjodu tal-prova, l-istess attur ikun intitolat ghall-kumpens ekwivalenti ghal remunerazzjoni ta' sitt xhur. Dan nonostante jigi sottomess illi it-tifsira tal-kliem "for any reason" li gie moghti implicitament fl- interpretazzjoni stess ta' l-attur huwa erronju ghall-ahhar. Fil-fatt, dawn il-

kliem ma jistghux jigu interpretati individwalment izda fil-kuntest shih taghhom, u cioe' fil-kuntest tal-"period of probation". Klawsola li fiha l-"employer" ikun obbligat ihallas kumpens lill-impjegat tieghu jekk l-istess jitterminalu l-impjieg tieghu waqt il-probation, tmur kontra n-natura stess tal-"period of probation", li hija fiha nnifisha perjodu ta' prova li fih l-"employer" jista jiehu decizjoni dwar jekk izommx lil persuna in kwistjoni fl-impjieg jew le;

4. Illi in meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, fil- kaz in kwisjtoni kien hemm raguni validi u gustifikabbli ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur stante illi ma kienx kompetenti ghal xogholu. Ghaldaqstant, kif jista jigi sostnut illi l-"employer" ghandu jhallas kumpens lill-impjegat li mhuwiex kompetenti f'xogholu waqt il-perjodu ta' probation meta dan lanqas ma jsir wara l-istess probation;

5. Illi in meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, in ogni kaz, l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv stante illi l-attur hadem mas-socjeta' konvenuta ghal ftit iktar minn xahar u ta' dan ix-xoghol huwa thallas u ghalhekk il-kumpens mitlub kellu jkun limitat proporzjonalment ghall-ammont inferjuri ekwivalenti ghal remunerazzjoni ta' ftit iktar minn erba' (4) xhur;

6. Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward l-ammont ta' Lm768.25, is-socjeta' konvenuta kienet offriet u sahansitra harget zewg cekkijiet f'isem l-attur ghall-ammont ta' Lm595.09 u Lm192.30 rispettivament. Din l-offerta ghall-ammont kumpelssiv ta' Lm787.39, li fil-verita' hija somma verjuri minn dik mitluba fic-citazzjoni odjerna, kienet saret diversi drabi lill-attur bil-patt u l-kundizzjoni li t-terminazzjoni ta' l- impjieg tigi ffirmata minnu u li jerga jrodd lura lis-socjeta' konvenuta il-"mobile" moghti lilu fil-bidu tal-impjieg tieghu mal-istess socjeta'. Ghalkemm interpellat diversi drabi huwa naqas milli jaghmel dan u ghaldaqstant il-pagament ma giex effettwat minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-attur. In ogni kaz, ghalhekk il-konvenut m'ghandu qatt ibati l-ispejjez ta' din il-kawza;

7. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur;

8. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka;

Rat id-Degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2002, li bih ordnat lill-partijiet iressqu Noti tal-Osservazzjonijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka fiż-żmien hemm imsemmi;

Rat illi l-kumpannija mħarrka naqset li tressaq Nota kif ordnata;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-attur waqt is-smigħ tal-15 ta' Mejju, 2002[1], dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-15 ta' Mejju, 2002, tas-27 ta' Settembru, 2002, tas-16 ta' Jannar, 2003, u tat-8 ta' Mejju, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għal ħlas ta' penali, paga u ta' benefiċċji oħrajn wara tkeċċija mill-impieg waqt iż-żmien tal-prova. L-attur jgħid li wara li kien ingħata kuntratt ta' impieg għal żmien li ma jagħlaqx, huwa ngħata s-sensja mill-kumpannija mħarrka li impjegatu wara madwar tmien (8) ġimgħat minn mindu ngħata l-impieg magħha. Huwa qiegħed jitlob il-ħlas ta' penali li kienet ġiet imsemmija fil-

[1] Paġġ. 21-2 tal-proċess

kuntratt tal-impieg tiegħu sewwasew f'każ li jintemmlu l-impieg waqt iż-żmien tal-prova;

Illi għal din l-azzjoni l-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet l-azzjoni ma tiswiex għaliex din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa tismagħha għaliex dwar temm ta' mpieg minn kuntratti bla żmien huwa t-Tribunal Industrijali biss li għandu s-setgħa jisma' l-każ u mhux din il-Qorti. Laqgħet ukoll billi qalet li hija m'hijiex marbuta bil-kuntratt li fuqu ssawret il-kawża għaliex hija ma kinitx rappreżentata kif imiss fuq l-imsemmi kuntratt skond l-istatut tagħha, u allura ma jorbothiex. Żiedet ukoll xi eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Illi, qabel ma jsiru l-konsiderazzjonijiet marbutin mal-imsemmija eċċezzjoni, jidher xieraq li jissemmew xi fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża. Il-ħatra tal-attur bħala impjegat mal-kumpannija mħarrka saret skond ftehim datat 21 t'Awissu, 2001[2]. Il-fethim ġie ffirmat mill-attur u minn Christopher Grech għall-kumpannija mħarrka. L-attur ingħata l-ħatra ta' "*manager*" fid-diversi taqsimiet imsemmija fil-ftehim. L-ewwel sitt (6) xhur tal-impieg kellhom ikunu żmien ta' prova. F'każ li l-impieg jintemm mill-kumpannija għal kull raġuni matul iż-żmien ta' prova, l-attur kien ikollu jedd għal ħlas ta' sitt xhur paga bħala kumpens. Il-ftehim jistabilixxi salarju ta' tnax-il elf u ħames mitt lira Maltija (Lm 12,500) fis-sena, flimkien ma' kundizzjonijiet oħrajn. B'dokument datat 22 t'Awissu, 2001[3], is-salarju tal-attur żdied b'sebat elef u ħames mitt lira Maltija (Lm 7,500) fis-sena, bil-konferma tal-kundizzjonijiet l-oħrajn tal-ftehim ta' lejliet. L-attur ġie mgħarraf b'ittra mibgħuta lilu minn Paul Camilleri, f'isem il-kumpannija mħarrka, datata 12 t'Ottubru, 2001[4], li kienet tgħid li l-kumpannija qatgħetha li temm l-impieg tiegħu minnufih. Il-kawża nfetħet fit-22 ta' Jannar, 2002;

---

[2] Dok "A", f'paġġ. 5-6 tal-proċess
[3] Dok "B", f'paġ. 7 tal-proċess
[4] Dok "Ċ", f'paġ. 8 tal-proċess

Illi għal dak li jolqot il-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami għandu jingħad li l-kwestjoni tas-setgħa li l-Qorti tisma' kawża mressqa quddiemha hija kwestjoni ewlenija li jeħtieġ li tiġi meqjusa kważi qabel kull kwestjoni oħra f'kawża. Il-Qorti tosserva li l-kumpannija mħarrka tgħid li l-azzjoni attriċi hija nulla u irrita, u ġġib bħala raġuni l-kwestjoni tal-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Fis-sewwa, ta' min jgħid li l-eċċezzjoni tan-nullita' tinbena biss fuq waħda mill-erba' (4) ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 789 tal-Kap 12, u hija għal kollox differenti mill-eċċezzjoni tal-kompetenza tal-Qorti *ratione materiae* jew *ratione valoris*. Jidher li l-mira vera tal-eċċezzjoni taħt eżami m'hijiex, għalhekk, dik li l-att ġudizzjarju (ċ-Ċitazzjoni) ma jiswiex, imma dik li l-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża minħabba n-natura tal-kwestjoni;

Illi fil-każ preżenti, l-eċċezzjoni mqanqla mill-kumpannija mħarrka hija fis-sens li l-kwestjoni marbuta mal-azzjoni attriċi taqa' taħt is-setgħa ta' Tribunal speċjali li lilu huma bil-liġi mogħtija setgħat partikolari ta' ġudizzju. Dan ifisser li l-eċċezzjoni tintrabat ma' deroga mill-kompetenza ġenerali li hija mogħtija mil-liġi[5] lil **din** il-Qorti, u li għalhekk, għandha tiġi mogħtija tifsira ristretta, fis-sens li s-setgħa ta' din il-Qorti biex tisma' kważa mressqa quddiemha tibqa' sakemm tali setgħa ma tiġix b'liġi espressa mneħħija minnha[6];

Illi l-kumpannija mħarrka tisħaq li l-azzjoni attriċi messha tressqet quddiem it-Tribunal Industrijali, ladarba l-impieg tal-attur kien wieħed għal żmien li ma jagħlaqx. Minbarra dan, waqt it-trattazzjoni bil-fomm quddiem il-Qorti, l-abbli difensur tal-kumpannija mħarrka tenna li, mill-mod kif kienet imfassla l-klawsola partikolari, lanqas jista' jingħad li kien hemm żmien ta' prova fil-każ tal-impieg tal-attur. Min-naħa l-oħra, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, l-attur juri l-fehma tiegħu għaliex l-eċċezzjoni m'għandhiex titqies mistħoqqa u dan billi jgħid li (a) fl-ewwel lok, l-azzjoni tiegħu hija msejsa fuq klawsola kuntrattwali li

[5] Art. 32(2) tal-Kap 12
[6] Ara, per eżempju, P.A. **19.4.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Rossignaud noe vs Borġ noe*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.502**)

tipprovdi għal kumpens u li (b) fit-tieni lok, m'huwiex qiegħed jallega li t-temm tal-impieg tiegħu minn mal-kumpannija mħarrka jammonta għal tkeċċija inġusta mill-impieg, kif imfissra mil-liġi. Kemm hu hekk, l-attur jirreferi għall-artikolu 28 u t-tifsira ta' "tkeċċija inġusta" fl-artikolu 2 tal-Kap 266 tal-Liġijiet ta' Malta[7], li kienet il-liġi fis-seħħ meta ntemm l-impieg tal-attur;

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-eċċezzjoni taħt eżami m'hijiex sostnuta mill-fatti u mid-dritt. Għalkemm huwa minnu li l-kuntratt tal-impieg tal-attur kien għal żmien mhux stabilit, l-istess impieg intemm matul iż-żmien tal-prova. L-argument tal-kumpannija mħarrka fis-sens li ma kienx hemm żmien ta' prova ma jiswiex, għaliex iż-żmien ta' prova huwa stabilit mil-liġi[8] u mhux minn interpretazzjoni ta' klawsola f'kuntratt. Minbarra dan, il-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali sabiex jisma' u jqis kwestjoni ta' temm ta' impieg hija limitata għall-każijiet ta' tkeċċija allegata li hija inġusta. Kif sewwa issottometta l-attur, it-tifsira ta' "tkeċċija inġusta" teskludi temm ta' impieg waqt iż-żmien tal-prova, sewwasew għaliex il-kwestjoni ta' "raġuni ġusta u suffiċjenti" ma tidħol xejn f'temm ta' impieg waqt iż-żmien tal-prova, li matulu l-prinċipal jista' jtemm l-impieg "mingħajr ma jagħti ebda raġuni"[9];

Illi, minbarra dan, għandu jingħad li f'għadd ta' każijiet fejn tkeċċija mill-impieg irriżulta li seħħet waqt iż-żmien tal-prova, kien it-Tribunal Industrijali innifsu li waqaf jisma' l-każ minħabba nuqqas ta' kompetenza taħt l-imsemmi artikolu 28 tal-Att XXX tal-1976[10];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka** billi m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bi spejjeż kontra l-

---

[7] Illum revokat bl-Att XXII tal-2002 (Kap 452) - ara art. 75(1)(a) tal-Kap 452
[8] Fil-każ u ż-żmien li għalih jirreferi l-każ, l-art. 34(1) tal-Kap 135, illum revokat bl-Att XXII tal-2002
[9] Art 34(2) tal-Kap 135, illum art. 36(2) tal-Kap 452
[10] Ara, per eżempju, Deċ. Nru. 65 **28.4.1980** fil-każ fl-ismijiet ***S. Buttiġieġ vs Messrs. Frey (M) Ltd.***; Deċ. Nru. 72 **6.10.1980** fil-każ fl-ismijiet ***J. Bonello vs Agio Tobacco Co. Ltd.***; Deċ. Nru. 79 **18.12.1980** fil-każ fl-ismijiet ***P. Caruana vs Messrs. Maxprint Ltd.*** u oħrajn

istess kumpannija mħarrka, u tiddikjara minflok li l-azzjoni attriċi tiswa u hija din il-Qorti, u mhux it-Tribunal Industrijali, li għandha s-setgħa li tisma’ l-kawża mressqa mill-attur; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

--------------------------------TMIEM--------------------------------